II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1249

tat-2 ta' Settembru 2020

li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1267 fuq importazzjonijiet ta' elettrodi tat-tungstenu li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' elettrodi tat-tungstenu kkonsenjati mil-Laos u t-Tajlandja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mil-Laos u mit-Tajlandja kif ukoll jekk le, u li jtemm l-investigazzjoni fir-rigward tal-importazzjonijiet ikkonsenjati mill-Indja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Indja kif ukoll jekk le

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi li ma humiex membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikoli 13(3) u 14(5) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Miżuri eżistenti

(1) Bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 260/2007 ([2]) ("ir-Regolament oriġinali") il-Kunsill impona dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' elettrodi tat-tungstenu ("ET") li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. ("iċ-Ċina"). Id-dazji anti-dumping individwali fis-seħħ kienu jvarjaw bejn 17 % u 41 %. Il-produtturi esportaturi l-oħra kollha huma suġġetti għal dazju anti-dumping definittiv ta' 63,5 %. Minn issa 'l quddiem dawn il-miżuri sejrin jissejħu "l-miżuri oriġinali" u l-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri li ġew imposti mir-Regolament oriġinali minn issa 'l quddiem sejra tissejjaħ "l-investigazzjoni oriġinali".

(2) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 508/2013 ([3]), wara rieżami ta' skadenza ("l-ewwel rieżami ta' skadenza"), il-Kunsill impona dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ET li joriġinaw miċ-Ċina.

(3) Fl-2019, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1267 ([4]), il-Kummissjoni wara rieżami ta' skadenza oħra ("l-aħħar rieżami ta' skadenza"), imponiet dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ET li joriġinaw miċ-Ċina fil-livell tal-miżuri oriġinali. Dawn il-miżuri se jissejħu "il-miżuri fis-seħħ".

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 260/2007 tad-9 ta' Marzu 2007 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tungsten electrodes li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 72, 13.3.2007, p. 1).

([3]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 508/2013 tad-29 ta' Mejju 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' elettrodi tat-tungstenu li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 150, 4.6.2013, p. 1).

([4]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1267 tas-26 ta' Lulju 2019 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' elettrodi tat-tungstenu li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 (ĠU L 200, 29.7.2019, p. 4).

1.2. **Il-bidu tal-investigazzjoni *ex-officio***

(4) Il-Kummissjoni kellha għad-dispożizzjoni tagħha biżżejjed evidenza li l-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-ET li joriġinaw fiċ-Ċina kienu qed jiġu evitati bl-importazzjonijiet tal-ET kkunsinjati mill-Indja, il-Laos u t-Tajlandja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Indja, il-Laos u t-Tajlandja kif ukoll jekk le.

(5) Id-*data* rrapportata mill-Istati Membri skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku wriet bidla sinifikanti fix-xejra tal-kummerċ li tinvolvi l-esportazzjonijiet miċ-Ċina, mill-Indja, mil-Laos u mit-Tajlandja lejn l-Unjoni wara l-investigazzjoni oriġinali, li tissuġġerixxi li tista' tiġi kkawżata mill-impożizzjoni ta' miżuri fuq l-ET. Din il-bidla dehret mingħajr raġuni biżżejjed jew ġustifikazzjoni ekonomika għajr l-impożizzjoni tal-miżuri. Fil-fatt, il-bidla dehret li kienet ġejja mit-trasbord tal-prodott ikkonċernat li joriġina fiċ-Ċina via l-Indja, il-Laos u t-Tajlandja lejn l-Unjoni billi, skont is-sejbiet fl-aħħar reviżjoni ta' skadenza ([5]), ma hemm l-ebda faċilità biex jiġu prodotti l-ET f'xi wieħed mill-allegati pajjiżi ta' ċirkomvenzjoni.

(6) Barra minn hekk, skont id-*data* li kellha l-Kummissjoni, l-effetti ta' rimedju tal-miżuri fis-seħħ kienu qed jiddgħajfu kemm f'termini ta' kwantitajiet kif ukoll ta' prezzijiet.

(7) Fl-aħħar nett, skont id-*data* disponibbli għall-Kummissjoni, l-ET kkunsinjati mill-Indja, il-Laos u t-Tajlandja kienu l-oġġett ta' dumping fir-rigward tal-valur normali stabbilit fl-aħħar reviżjoni ta' skadenza.

(8) Wara li ddeterminat, wara li infurmat lill-Istati Membri, li kien hemm biżżejjed evidenza għall-bidu ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku, u biex l-importazzjonijiet tal-ET kkonsenjati mill-Indja, il-Laos u t-Tajlandja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Indja, il-Laos u t-Tajlandja kif ukoll jekk le, soġġetti għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2171 ([6]) ("ir-Regolament ta' bidu").

1.3. **L-Investigazzjoni**

(9) Il-Kummissjoni avżat bil-ftuħ tal-investigazzjoni lill-awtoritajiet taċ-Ċina, tal-Indja, il-Laos u t-Tajlandja, lill-produtturi esportaturi u lin-negozjanti f'dawk il-pajjiżi, lill-importaturi fl-Unjoni u lill-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, hija talbet lill-missjonijiet tal-Indja, il-Laos u t-Tajlandja lill-Unjoni Ewropea biex jikkonfermaw li m'hemmx produzzjoni ta' ET f'dawk il-pajjiżi jew biex jipprovdu lill-Kummissjoni bl-ismijiet u l-indirizzi ta' kwalunkwe produttur esportatur u/jew ta' assoċjazzjonijiet rappreżentattivi li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(10) Formoli ta' talba għal eżenzjoni għall-produtturi/esportaturi fl-Indja, il-Laos u t-Tajlandja, kwestjonarji għall-produtturi/esportaturi fiċ-Ċina, u kwestjonarji għall-importaturi mhux relatati fl-Unjoni saru disponibbli fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ.

(11) Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu smigħ fiż-żmien stipulat fir-Regolament ta' ftuħ. Il-partijiet kollha ġew infurmati li n-nuqqas ta' sottomissjoni tal-informazzjoni kollha rilevanti jew is-sottomissjoni ta' informazzjoni mhux kompluta, falza jew qarrieqa tista' twassal għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u li s-sejbiet ikunu bbażati fuq il-fatti disponibbli.

(12) Importatur mhux relatat fl-Unjoni talab seduta ta' smigħ li saret fit-2 ta' Lulju 2020.

(13) Produttur/esportatur mil-Laos bagħat tweġiba għall-formola tat-talba ta' eżenzjoni ("tweġiba għall-kwestjonarju").

(14) Importatur wieħed mhux relatat fl-Unjoni pprovda wkoll tweġiba għall-kwestjonarju u importatur mhux relatat ieħor fl-Unjoni għamel sottomissjoni bil-miktub mingħajr ma mela l-kwestjonarju.

([5]) ĠU L 200, 29.7.2019, p. 4, premessi (28) u (103).

([6]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2171 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jniedi investigazzjoni dwar ċirkomvenzjoni possibbli ta' miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1267 fuq importazzjonijiet ta' elettrodi tat-tungstenu li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina b'importazzjonijiet ta' elettrodi tat-tungstenu kkonsenjati mil-Laos, mit-Tajlandja u mill-Indja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mil-Laos, mit-Tajlandja u mill-Indja kif ukoll jekk le, u li jagħmel tali importazzjonijiet suġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU L 329, 19.12.2019, p. 86).

1.4. **Il-perjodu ta' investigazzjoni u l-perjodu ta' rapportar**

(15) Il-perjodu ta' investigazzjoni (il-"PI") kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sat-30 ta' Settembru 2019. Inġabret id-*data* biex tiġi investigata, fost l-oħrajn, il-bidla fix-xejra tal-kummerċ wara l-impożizzjoni tal-miżuri. Għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2018 sat-30 ta' Settembru 2019 (il-perjodu ta' rapportar jew "il-PR"), inġabret *data* aktar dettaljata sabiex tiġi eżaminata l-possibbiltà ta' indeboliment tal-effett rimedjali tal-miżuri fis-seħħ u l-eżistenza ta' dumping.

2. **IR-RIŻULTATI TAL-INVESTIGAZZJONI**

2.1. **Kunsiderazzjonijiet ġenerali**

(16) Skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-valutazzjoni tal-eżistenza ta' evażjoni saret billi ġie analizzat suċċessivament:

— jekk kienx hemm bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn pajjiżi terzi (iċ-Ċina, l-Indja, il-Laos u t-Tajlandja) u l-Unjoni,

— jekk din il-bidla nbtitx minn xi prattika, proċess jew ħidma li għalihom ma kienx hemm raġuni jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju,

— jekk kienx hemm evidenza ta' dannu jew jekk l-effetti rimedjali tad-dazju kinux qed jiġu mhedda f'termini ta' prezzijiet u/jew ta' kwantitajiet tal-prodott simili, u

— jekk kienx hemm evidenza ta' dumping b'rabta mal-valuri normali stabbiliti fl-aħħar rieżami ta' skadenza għall-prodott simili, jekk neċessarju skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku.

2.2. **Il-prodott ikkonċernat u l-prodott investigat**

(17) Il-prodott ikkonċernat huwa elettrodi tat-tungstenu għall-iwweldjar, inklużi biċċiet (bars) u vireg tat-tungstenu għall-elettrodi tal-iwweldjar, li fihom 94 % jew aktar bil-piż ta' tungstenu, ħlief dawk miksuba sempliċiment minn tgħaqqid bis-sħana, kemm jekk maqtugħin għal tul, kif ukoll jekk le, li joriġinaw fiċ-Ċina ("il-prodott ikkonċernat") li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 8101 99 10 u ex 8515 90 80 (kodiċijiet TARIC 8101 99 10 11, 8101 99 10 12, 8101 99 10 13, 8101 99 10 20, 8515 90 80 11, 8515 90 80 12, 8515 90 80 13, 8515 90 80 20). Il-miżuri fis-seħħ japplikaw għal dan il-prodott.

(18) Il-prodott li qed jiġi investigat huwa l-istess bħall-prodott konċernat definit fil-premessa preċedenti, iżda kkunsinnat mill-Indja, mil-Laos u mit-Tajlandja, kemm jekk iddikjarat li joriġina mill-Indja, Laos, u t-Tajlandja kif ukoll jekk le, u li bħalissa jaqa' taħt l-istess kodiċi NM bħall-prodott ikkonċernat ("il-prodott li qed jiġi investigat").

(19) L-investigazzjoni wriet li ET esportati miċ-Ċina lejn l-Unjoni u dawk ikkunsinjati mill-Indja, il-Laos u t-Tajlandja lejn l-Unjoni għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi u użi, u għalhekk huma kkunsidrati bħala prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

2.3. **Livell ta' kooperazzjoni**

(20) L-ebda wieħed mill-produtturi/esportaturi Ċiniżi, Indjani jew Tajlandiżi ma ssottomettew tweġibiet għall-kwestjonarju.

(21) Kumpanija waħda mil-Laos, li kopriet madwar 100 % tal-importazzjonijiet totali mil-Laos lejn l-Unjoni fil-PR kif irrappurtat fil-bażi tad-*data* 14(6), ressqet talba għal eżenzjoni skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku. Din il-kumpanija hija relatata ma' produttur esportatur Ċiniż ta' ET. Il-kooperazzjoni ta' din il-kumpanija ma kinitx biżżejjed għal dawn ir-raġunijiet:

(a) Il-kumpanija ma pprovdietx l-informazzjoni meħtieġa fil-formola ta' eżenzjoni. Il-kumpanija ntalbet tagħmel dan f'żewġ ittri ta' defiċenza. B'mod partikolari, il-kumpanija ma pprovdietx id-dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati jew id-dikjarazzjonijiet finanzjarji meħtieġa ppreżentati lill-awtorità tat-taxxa jew ir-reġistru tal-kumpaniji rilevanti. Il-kumpanija fil-fatt ma pprovdiet l-ebda dikjarazzjoni finanzjarja, u dan għamilha impossibbli li ssir kontroverifika ta' kwalunkwe informazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni fil-formola tat-talba għal eżenzjoni tagħha. Elementi addizzjonali importanti li ma ġewx ipprovduti kienu jinkludu livelli ta' stokkijiet u lista ta' assi fissi.

(b) Il-kumpanija ewlenija fiċ-Ċina ma bagħtitx kwestjonarju tal-esportaturi jew formola ta' eżenzjoni kif meħtieġ.

(c) Hija pprovdiet informazzjoni inkoerenti jew kontradittorja: L-ewwel nett, il-kost tal-vireg tat-tungstenu mixtri mill-kumpanija prinċipali Ċiniża tagħha fil-PR ġie rrappurtat b'mod differenti f'diversi wirjiet. It-tieni nett, il-kwantitajiet ta' vireg tat-tungstenu mixtrija u mibjugħa fil-PR ġew irrappurtati b'mod differenti f'wirjiet differenti. It-tielet nett, ma ġiet ipprovduta l-ebda informazzjoni dettaljata dwar id-deprezzament u l-kostijiet lavorattivi rrapportati. L-investigazzjoni stabbiliet li l-allokazzjoni ta' spejjeż ta' deprezzament għall-manifattura ta' ET kienet inkonsistenti mal-kapaċità ta' produzzjoni ta' ET u żiedet artifiċjalment il-valur tal-ET manifatturat. Meta ntalbet li jiġu ċċarati l-kriterji li fuqhom huwa bbażat il-kalkolu tal-ispejjeż ta' deprezzament tagħha, il-kumpanija sempliċiment wieġbet li kienet irrapportat l-ispejjeż ta' deprezzament tal-kumpanija prinċipali. Madankollu, kif intqal hawn fuq, il-kumpanija ewlenija ma ssottomettietx kwestjonarju u lanqas imliet il-formola ta' eżenzjoni, u l-esportatur tal-Laos ma pprovda l-ebda evidenza biex isostni t-talba tiegħu.

(d) Huwa ma pprovdiex dettall suffiċjenti fuq l-operazzjonijiet imwettqa fuq il-vireg tat-tungstenu mixtrijin mingħand il-fornitur Ċiniż ewlieni tiegħu.

(e) Huwa rrappurta li ma kellux sistema ta' kontabilità.

(f) Ma pprovdiex id-dokumenti ta' ħidma rilevanti u dokumenti oħra ta' sostenn meħtieġa għall-verifika tal-informazzjoni pprovduta fil-formola ta' eżenzjoni.

(22) Għalhekk, skont l-Artikolu 18(4) tar-Regolament bażiku, fil-11 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni tat limitu ta' żmien lill-kumpanija biex tipprovdi għadd ta' elementi elenkati u infurmat bl-intenzjoni li tistrieħ fuq il-fatti disponibbli, jekk dawn ma jiġux sottomessi.

(23) F'konformità mal-Avviż dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq investigazzjonijiet antidumping u antisussidji, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma twettaqx żjarat ta' verifika fl-istabbilimenti tal-kumpaniji li talbu eżenzjoni minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19. Fid-dawl tar-risposta tal-kumpanija li naqset milli tippreżenta d-dokumenti essenzjali elenkati u li tindirizza l-kontradizzjonijiet sostanzjali enfasizzati, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tkomplix bil-kontroverifika mill-bogħod ikkunsidrata inizjalment.

(24) Minħabba dak li ntqal hawn fuq, l-informazzjoni pprovduta mill-kumpanija tqieset mhux kompluta u mhux ta' min jorbot fuqha. Il-Kummissjoni għalhekk injorat l-informazzjoni sottomessa mill-kumpanija, u s-sejbiet kienu bbażati fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(25) Fil-kummenti tagħha wara d-divulgazzjoni, il-kumpanija spjegat li kienet fil-proċess li tittrasferixxi faċilitajiet ta' produzzjoni miċ-Ċina għal Laos matul il-perjodu ta' investigazzjoni, u dan il-proċess kien limitat minħabba l-lockdown relatat mal-vajrus. Hija ssottomettiet ukoll li l-lockdown relatat mal-vajrus jispjega n-nuqqasijiet fl-istandard ta' informazzjoni fornuta mill-kumpanija. Barra minn hekk, hija żiedet li ladarba s-sitwazzjoni tinnormalizza "(…) *l-istadji kollha tal-produzzjoni jsiru fil-Laos* (…)". Il-Kummissjoni tinnota li minkejja l-lockdown relatat mal-vajrus, il-kumpanija u l-kumpanija prinċipali tagħha fiċ-Ċina ngħataw biżżejjed żmien u opportunitajiet, fi ħdan l-iskadenzi legali tal-investigazzjoni, biex jissottomettu l-informazzjoni nieqsa, kif spjegat fil-premessi (21) u (22). Fir-rigward tal-kumpanija prinċipali b'mod partikolari, ma ġiet ippreżentata l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju minkejja l-fatt li l-Kummissjoni talbet b'mod speċifiku għaliha fil-formola tat-talba għal eżenzjoni u ż-żewġ ittri ta' defiċenza.

(26) Wara d-divulgazzjoni, il-Missjoni tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Laos lejn l-Unjoni ppreżentat id-diżappunt tagħha dwar is-sejbiet tal-investigazzjoni li, skont il-Missjoni, twettqu mingħajr informazzjoni u verifika suffiċjenti. Il-Kummissjoni tinnota li minkejja t-tifqigħa tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha fuq l-investigazzjonijiet antidumping u antisussidji, il-partijiet interessati kollha, b'mod partikolari l-kumpanija fil-Laos, ingħataw biżżejjed żmien u opportunitajiet, fi ħdan il-qafas ta' skadenzi statutorji, biex jipprovdu informazzjoni.

(27) Il-Missjoni tal-Indja għall-Unjoni pprovdiet l-ismijiet u l-indirizzi ta' seba' produtturi esportaturi fil-pajjiż. Il-Missjoni tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Laos lejn l-Unjoni pprovdiet l-istess isem u indirizz bħall-kumpanija li ppreżentat it-tweġiba tal-formola ta' eżenzjoni, u infurmat ukoll li l-gvern tagħha kien qed jikkollabora mad-Dwana Ġermaniża biex jiġbor id-*data* dwar l-esportazzjoni tal-ET mill-pajjiż. Il-Missjoni tat-Tajlandja ġiet infurmata li l-gvern tagħha ma kellu l-ebda fabbrika elenkata bħala produttur tal-ET, iżda li minkejja dan, id-dipartiment tad-Dwana Tajlandiż identifika 3 kumpanija li esportaw l-ET lejn l-UE mill-2017 sa Ottubru 2019 (tmiem il-PR).

(28) Għalhekk, is-sejbiet fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-ET miċ-Ċina, mill-Indja, mil-Laos u mit-Tajlandja lejn l-Unjoni, u fir-rigward tal-esportazzjonijiet tal-ET miċ-Ċina lejn l-Indja, il-Laos u t-Tajlandja kienu bbażati fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku. Il-fatti disponibbli użati fir-rigward tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni ġew estratti mill-bażi tad-*data* tal-14(6). L-Atlas tal-Kummerċ Globali (GTA) intuża fir-rigward tad-determinazzjoni tal-volumi tal-esportazzjoni miċ-Ċina lejn l-Indja, il-Laos u t-Tajlandja.

(29) Il-volumi rreġistrati fil-GTA jkopru grupp akbar ta' prodotti (livell ta' 8 ċifri, ibbażat fuq il-kodiċijiet tan-nomenklatura doganali Ċiniżi) mill-prodott ikkonċernat. Għalhekk, ir-rapporti tal-GTA dwar il-volumi esportati miċ-Ċina lejn l-Indja, il-Laos u t-Tajlandja jistgħu jinkludu wkoll prodotti oħra. Il-volumi importati mill-Indja, il-Laos u t-Tajlandja lejn l-Unjoni huma rrappurtati fil-bażi tad-*data* 14(6) biss għall-prodott investigat.

2.4. **Il-bidla fix-xejra tal-kummerċ**

2.4.1. *Importazzjonijiet lejn l-Unjoni miċ-Ċina, l-Indja, il-Laos u t-Tajlandja*

(30) It-tabella 1 hawn taħt turi l-iżvilupp tal-importazzjonijiet tal-ET miċ-Ċina, l-Indja, il-Laos u t-Tajlandja lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni:

Tabella 1

Importazzjonijiet ta' ET fl-UE matul il-perjodu ta' investigazzjoni (kilogrammi) [1]

Importazzjonijiet (Kg)	2006	2007	2008	2009	2010	2011	2012
Iċ-Ċina	138 202 [2]	46 128	51 771	36 188	39 953	56 619	48 188
Is-sehem tal-importazzjonijiet totali	-	44 %	48 %	56 %	53 %	60 %	49 %
L-Indja	0 [3]	15 312	3	3 253	2 491	615	2 123
Is-sehem tal-importazzjonijiet totali	-	14 %	0 %	5 %	3 %	1 %	2 %
Il-Laos	0 [4]						6 000–8 000
Is-sehem tal-importazzjonijiet totali	-						7 %
It-Tajlandja	0 [5]		29				29
Is-sehem tal-importazzjonijiet totali	-		0 %				0 %
Importazzjonijiet totali	-	105 857	108 589	64 793	75 732	94 958	98 450

Importazzjonijiet (Kg)	2013	2014	2015	2016	2017	2018	RP
Iċ-Ċina	46 640	49 343	50 621	53 777	43 086	61 870	57 874
Is-sehem tal-importazzjonijiet totali	45 %	44 %	48 %	50 %	47 %	60 %	65 %
L-Indja	9 411	10 730	6 939	5 854	4 633	2 382	1 677

Importazzjonijiet (Kg)	2013	2014	2015	2016	2017	2018	RP
Is-sehem tal-importazzjonijiet totali	9 %	9 %	7 %	5 %	5 %	2 %	2 %
Il-Laos	25 000 – 28 000	21 000 – 23 000	21 000 – 23 000	23 000 – 25 000	13 000 – 15 000	15 000 – 17 000	6 000 – 8 000
Is-sehem tal-importazzjonijiet totali	25 %	19 %	21 %	22 %	15 %	16 %	8 %
It-Tajlandja	1 040	793	5 771	12 271	13 311	10 504	13 018
Is-sehem tal-importazzjonijiet totali	1 %	1 %	5 %	11 %	15 %	10 %	15 %
Importazzjonijiet totali	104 458	112 997	106 440	107 611	91 260	102 563	88 575

([1]) Minħabba li l-importazzjonijiet kollha mil-Laos lejn l-Unjoni saru mill-uniku produttur/esportatur fil-Laos kif spjegat fil-premessa (21), il-volum totali eżatt ta' esportazzjonijiet mil-Laos lejn l-Unjoni ma jistax jiġi żvelat għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità.

([2]) Għall-2006, is-sena ta' qabel l-impożizzjoni tal-miżuri ma kien hemm l-ebda *data* disponibbli. Għalhekk, il-Kummissjoni qabblet l-importazzjonijiet miċ-Ċina fis-snin 2001-2005 disponibbli mill-investigazzjoni oriġinali u estrapolat it-tendenza għal 2006 (billi użat linja ta' rigressjoni lineari) biex tikseb dan il-livell stmat ta' importazzjoni.

([3]) L-ebda importazzjonijiet ma ġew irrappurtati mill-Indja f'Comext u Surveillance 2.

([4]) Idem għal-Laos.

([5]) Idem għat-Tajlandja.

Sors: il-bażi ta' data msemmija fl-Artikolu 14(6)

(31) L-importazzjonijiet tal-ET miċ-Ċina lejn l-Unjoni naqsu b'mod sostanzjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni, li juri tnaqqis ta' aktar minn 67 % wara l-impożizzjoni tal-miżuri oriġinali f'Marzu 2007. Minkejja xi żidiet fis-snin qrib id-dati ta' rieżami tal-iskadenza, (2011 u 2018), ix-xejra 'l isfel kompliet bejn l-2007 u l-PR, fejn il-kwantitajiet importati lejn l-Unjoni baqgħu kostanti madwar 55 % taħt il-livell tal-2006.

(32) Dan it-tnaqqis fl-importazzjonijiet miċ-Ċina ġie sostanzjalment assorbit miż-żieda fl-importazzjonijiet mill-Indja, il-Laos u t-Tajlandja fis-snin sussegwenti, b'mod partikolari mill-2012 'il quddiem, meta fil-biċċa l-kbira tagħhom ħadu post l-importazzjonijiet miċ-Ċina.

(33) L-importazzjonijiet tal-prodott investigat mill-Indja lejn l-Unjoni bdew fi kwantitajiet sinifikanti fl-2007, li jammontaw għal 14 % tal-importazzjonijiet totali. Dawn naqsu sew mill-2008, u varjaw matul il-perjodu ta' investigazzjoni sal-PR fejn ammontaw għal 1,5 % tas-sehem mis-suq tal-Unjoni (u inqas minn 2 % tas-sehem totali ta' importazzjonijiet ta' ET fl-Unjoni).

(34) L-importazzjonijiet tal-prodott investigat mil-Laos lejn l-Unjoni bdew fl-2012. Żieda qawwija segwiet fl-2013, u l-importazzjonijiet żdiedu kważi b'erba' darbiet tal-volumi tas-sena ta' qabel. Dawn is-sentejn ukoll jikkoinċidu ma' tnaqqis fl-importazzjonijiet miċ-Ċina. Fl-2013, l-importazzjonijiet tal-Laos lejn l-Unjoni ammontaw għal aktar minn 50 % tal-importazzjonijiet li ġejjin miċ-Ċina. Minkejja li l-volumi importati mil-Laos naqsu f'termini assoluti mill-2017, il-PR għadu jirreġistra żieda ta' 3 % fil-volumi importati meta mqabbla mal-2012, u għadu jirrappreżenta 8 % tas-sehem totali ta' importazzjonijiet ta' ET fl-Unjoni (li jissodisfaw aktar minn 6 % tal-konsum tal-Unjoni).

(35) It-tnaqqis tal-esportazzjonijiet matul il-PR għandu jitqies b'rabta mal-investigazzjonijiet immexxija mill-awtoritajiet doganali Ġermaniżi dwar diversi kunsinni ta' elettrodi tat-tungstenu importati mil-Laos lejn l-Unjoni fl-2018 u l-2019. Id-dwana Ġermaniża kkonkludiet li dawn il-kunsinni kellhom oriġini Ċiniża mhux preferenzjali, u ordnat il-ġbir konsegwenti ta' dazji antidumping. Importatur mhux relatat, minkejja li ma jaqbilx mal-fehma tad-dwana Ġermaniża, ikkorrabora fis-sottomissjoni tiegħu l-konsegwenzi tad-deċiżjoni tad-dwana fil-waqgħa sussegwenti tal-volumi importati mil-Laos.

(36) Fl-aħħar nett, l-importazzjonijiet mit-Tajlandja tal-prodott investigat lejn l-Unjoni żdiedu drastikament bejn l-2012 u l-2013, u x-xejra 'l fuq ilha għaddejja b'mod konsistenti mill-2015, b'kurva ta' rallentament fl-2018. Ma kien hemm l-ebda importazzjonijiet sinifikanti Tajlandiżi fl-UE qabel l-2013. L-importazzjonijiet Tajlandiżi żdiedu b'mod kostanti mill-2015 u rrappreżentaw 12 % tas-sehem mis-suq tal-Unjoni u 15 % tas-sehem totali ta' ET tal-importazzjonijiet tal-UE fil-PR.

2.4.2. *L-esportazzjonijiet miċ-Ċina għall-Indja, il-Laos u t-Tajlandja*

(37) It-tabella 2 hawn taħt turi l-volum ta' esportazzjoni ta' ET miċ-Ċina għall-Indja, il-Laos u t-Tajlandja matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

Tabella 2

Volumi ta' esportazzjoni miċ-Ċina (kilogrammi) ([1])

(Kg)	2006	2007	2008	2009	2010	2011	2012
L-Indja	271 921	202 205	216 648	241 071	438 259	599 228	575 357
Il-Laos		2 415	816	390	1 665	5 452	22 714
It-Tajlandja	66 884	106 907	143 409	137 872	334 519	655 966	567 601

(Kg)	2013	2014	2015	2016	2017	2018	2019
L-Indja	507 566	582 890	679 305	923 432	976 625	1 510 844	1 215 967
Il-Laos	18 470	19 488	29 354	26 269	18 158	24 054	8 076
It-Tajlandja	762 681	718 377	550 901	735 516	664 661	714 948	795 232

([1]) Taħt il-kodiċijiet tal-livell 8 81019910 u 85159000, il-kodiċijiet tan-nomenklatura doganali Ċiniżi jaqblu l-aktar mill-qrib mal-kodiċijiet TARIC tal-UE għall-prodott li qed jiġi investigat.

Sors: GTA —© 2020 IHS Markit (sors ta' data: Dwana taċ-Ċina)

(38) L-esportazzjonijiet miċ-Ċina lejn l-Indja żdiedu matul il-perjodu kollu u aktar minn irduppjaw bejn l-2008 u l-2015. Iż-żieda ulterjuri kibret b'24 % fl-aħħar sena meta mqabbla mal-2017.

(39) L-esportazzjonijiet miċ-Ċina lejn il-Laos naqsu bejn l-2008 u l-2010 meta mqabbla mal-2007, iżda fl-2012, il-volumi żdiedu b'erba' darbiet ta' dawk tal-2011. Bl-eċċezzjoni tal-2013 u l-2014 li fihom l-esportazzjonijiet miċ-Ċina għal-Laos kienu ftit aktar baxxi mill-volumi esportati mil-Laos lejn l-Unjoni, is-snin l-oħra kollha juru l-importazzjonijiet miċ-Ċina ogħla mill-esportazzjonijiet mil-Laos lejn l-Unjoni. It-tnaqqis f'daqqa mill-2018 għall-2019 (33,3 %) jirrifletti wieħed simili fil-volum ta' esportazzjonijiet mil-Laos lejn l-Unjoni fl-istess perjodu (42 %). Dan it-tnaqqis fil-volumi kkoinċida mal-ġbir tad-dazji antidumping mill-awtoritajiet doganali Ġermaniżi wara l-investigazzjoni msemmija fil-premessa (35).

(40) Fl-aħħar nett, l-esportazzjonijiet miċ-Ċina lejn it-Tajlandja żdiedu l-ewwel mill-2006 għall-2007 b'60 % u mill-2009 għall-2011 il-volumi żdiedu aktar minn erba' darbiet. Fl-2012, l-2015 u l-2017, l-importazzjonijiet naqsu ftit iżda żdiedu b'40 % fl-2019 meta mqabbla mal-2012. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, l-esportazzjonijiet miċ-Ċina għat-Tajlandja żdiedu b'kollox b'189 %.

2.4.3. *Konklużjoni dwar il-bidla fit-tendenza tal-kummerċ*

(41) It-tnaqqis tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Unjoni, iż-żieda parallela tal-esportazzjonijiet mil-Laos u mit-Tajlandja, b'mod partikolari mill-2012, u ż-żieda tal-esportazzjonijiet miċ-Ċina lejn il-Laos u t-Tajlandja tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn il-pajjiżi msemmija hawn fuq u l-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku.

(42) Fil-każ tal-Indja, l-importazzjonijiet fl-Unjoni varjaw b'mod sinifikanti matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Minkejja żieda konsiderevoli bejn l-2013 u l-2016, l-importazzjonijiet reġgħu qabdu xejra ta' tnaqqis fl-2018 u għall-PR anki fid-dawl taż-żieda fl-importazzjonijiet miċ-Ċina għall-Indja fl-istess perjodu. Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tasal għal konklużjoni dwar il-bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn l-Indja u l-Unjoni.

2.5. **In-natura tal-prattiki ta' ċirkomvenzjoni li għalihom ma hemmx raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju antidumping**

(43) L-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku jitlob li t-tibdil fix-xejra tal-kummerċ ikun ġej minn prattika, proċess jew ħidma li għalihom ma jkunx hemmx raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju. Il-prattika, il-proċess jew il-ħidma jinkludu, fost l-oħrajn, il-konsenja tal-prodott soġġett għall-miżuri eżistenti permezz ta' pajjiżi terzi, u l-assemblaġġ ta' partijiet/operazzjonijiet ta' tlestija f'pajjiż terz skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku.

(44) Fl-isfond ta' nuqqas ta' kooperazzjoni minn xi produttur esportatur, is-sejbiet fir-rigward tal-eżistenza u n-natura tal-prattiki ta' ċirkomvenzjoni fl-Indja, fil-Laos u fit-Tajlandja kellhom ikunu bbażati fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

2.5.1. *L-Indja*

(45) Skont l-informazzjoni miġbura matul l-aħħar rieżami ta' skadenza, b'mod partikolari dik provduta mill-industrija tal-Unjoni u li ma ġietx ikkontestata minn kwalunkwe parti interessata fil-qafas ta' dik l-investigazzjoni, ma hemm l-ebda faċilità li tipproduċi l-ET barra ċ-Ċina u l-Unjoni. Madanakollu kif spjegat fil-premessa (27), il-Missjoni tal-Indja għall-Unjoni pprovdiet l-ismijiet u l-indirizzi ta' seba' produtturi esportaturi fil-pajjiż. L-ebda waħda minn dawn il-kumpaniji ma kkooperat fl-investigazzjoni.

(46) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe evidenza oħra rigward il-prattika, il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonkludi jekk il-kwantitajiet esportati mill-Indja lejn l-Unjoni jikkostitwixxux trasbord jew esportazzjonijiet Indjani ġenwini.

(47) Għalhekk il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonkludi jekk il-bidla fix-xejra tal-kummerċ rigward l-Indja hijiex ġejja minn prattika, proċess jew ħidma li għalihom ma hemmx raġuni adegwata jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju.

2.5.2. *Il-Laos*

(48) L-investigazzjoni wriet li hemm biss kumpanija waħda fil-Laos involuta fil-bejgħ ta' ET lill-Unjoni. Din il-kumpanija hija 100 % proprjetà ta' kumpanija fiċ-Ċina li hija soġġetta għall-miżuri fis-seħħ (il-kumpanija prinċipali).

(49) Il-kumpanija fil-Laos ġiet inkorporata fil-25 ta' Diċembru 2012 u bdiet il-produzzjoni tal-ET fi Frar 2013. Dan il-perjodu jimmarka l-bidu tal-bidla fix-xejra tal-kummerċ deskritta fil-premessa (32). Tabilħaqq, kif diġà ssemma', qabel l-2012 ma hemm l-ebda esportazzjoni mil-Laos lejn l-Unjoni. Barra minn hekk, il-volumi tal-esportazzjoni sottomessi mill-kumpanija fil-formola ta' talba għal eżenzjoni tagħha jikkoinċidu mal-volumi rrapportati fil-bażi tad-*data* 14(6), li jikkonferma li din il-kumpanija hija l-uniku produttur esportatur fil-Laos, li tirrappreżenta 100 % tal-esportazzjonijiet mil-Laos lejn l-UE. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-operazzjoni bdiet jew żdiedet sostanzjalment sa mill-bidu tal-investigazzjoni antidumping kif meħtieġ mill-Artikolu 13(2)(a).

(50) Matul il-PI, il-kumpanija fil-Laos xtrat il-vireg tat-tungstenu kollha mill-kumpanija ewlenija tagħha li timmanifattura u tbigħ l-elettrodi tat-tungstenu stess. Fuq dik il-bażi, il-partijiet huma mill-pajjiż soġġett għal miżuri, kif meħtieġ mill-Artikolu 13(2)(a) tar-Regolament bażiku u jikkostitwixxu 100 % tal-valur totali tal-partijiet tal-prodott assemblat/komplut fis-sens tal-Artikolu 13(2)(b) tar-Regolament bażiku. Dan ix-xiri diġà jikkostitwixxi l-prodott ikkonċernat, jiġifieri staneg u vireg tat-tungstenu għall-elettrodi tal-iwweldjar.

(51) Il-kumpanija fil-Laos sostniet li tixtri vireg tat-tungstenu, li jikkostitwixxu l-prodott ikkonċernat, mill-kumpanija prinċipali fiċ-Ċina, li magħha mbagħad iżżid aktar minn 30 % tal-valur minn operazzjonijiet minuri (tħin, rikottura, kolorant u imballaġġ).

(52) Għar-raġunijiet spjegati fil-premessi (21) sa (24), l-informazzjoni pprovduta mill-kumpanija tqieset mhux kompluta u mhux ta' min jorbot fuqha. Il-Kummissjoni għalhekk injorat l-informazzjoni sottomessa mill-kumpanija, u s-sejbiet huma bbażati fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(53) B'kont meħud tat-tagħmir li l-kumpanija ssostni li tuża fil-fabbrika tagħha, u l-operazzjonijiet li hija ssostni li twettaq fuq il-vireg mixtrija, it-tlestija tikkonċerna l-aktar il-preżentazzjoni tal-merkanzija aktar milli bidla fil-karatteristiċi bażiċi tagħha.

(54) Skont l-industrija tal-Unjoni kkonsultata fil-kuntest ta' din l-investigazzjoni, il-proċess irrappurtat li sar mill-kumpanija tal-Laos jammonta għal massimu ta' 16 % tal-valur miżjud fuq l-ispejjeż tal-manifattura tal-input tal-elettrodi tat-tungstenu. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-valur miżjud mal-partijiet miġjuba, matul l-operazzjoni ta' assemblaġġ jew tlestija, huwa inqas minn 25 % tal-ispiża tal-manifattura, kif meħtieġ mill-Artikolu 13(2)(b) tar-Regolament bażiku għal dawn l-operazzjonijiet li jikkostitwixxu ċirkomvenzjoni.

(55) Skont il-proċess ta' manifattura deskritt mill-industrija tal-Unjoni fl-investigazzjonijiet preċedenti, virga tat-tungstenu bħal dik li tixtri l-kumpanija mingħand il-kumpanija prinċipali Ċiniża tagħha, u li diġà hija prodott ikkonċernat, għandha l-karatteristiċi bażiċi tal-prodott finali li tesporta lejn l-UE. Għalhekk, ix-xogħol li sar fuqhom fil-Laos kif irrapportat ma jirriżultax f'bidla sinifikanti fil-kwalità jew fil-karatteristiċi.

(56) Fis-sottomissjoni tagħha wara d-divulgazzjoni, il-kumpanija fil-Laos ma qablitx mal-aħjar fatti disponibbli li l-Kummissjoni użat biex jiġi stabbilit il-valur miżjud ta' 16 % fil-Laos, u argumentat li valur miżjud globali ta' 35 % "(…) *jirrappreżenta valutazzjoni aktar realistika tal-ispejjeż reali* (…)" magħmula fil-Laos. Ma ġiet mehmuża l-ebda evidenza biex tissostanzja din id-dikjarazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni irrifjutat din il-pretensjoni bħala bla bażi.

(57) Abbażi tal-konklużjonijiet doganali Ġermaniżi fl-investigazzjoni msemmija fil-premessa (35), importatur mhux relatat fl-Unjoni jissottometti li l-passi tal-ipproċessar li jsiru fil-Laos jammontaw għal żieda ta' 45 % fil-prezz tal-vireg mixtrija miċ-Ċina. Il-Kummissjoni tinnota li ż-żidiet fil-prezzijiet mhumiex wieħed mill-kriterji biex operazzjoni ta' assemblaġġ jew tlestija tikkostitwixxi ċirkomvenzjoni skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku. Id-dikjarazzjoni ġiet għalhekk miċħuda bħala irrilevanti.

(58) L-istess importatur mhux relatat ikompli jżid li ma jarax kif l-effetti rimedjali tad-dazju huma mminati fis-sens tal-Artikolu 13(2)(c) tar-Regolament bażiku billi l-importazzjonijiet mil-Laos naqsu matul is-snin. Il-bidla fix-xejra tal-kummerċ hija spjegata fil-premessi (34) u (35) filwaqt li l-effetti rimedjali tad-dazju huma spjegati fil-premessi (74) sa (76). Il-Kummissjoni għalhekk ma laqgħetx din l-affermazzjoni.

(59) Il-kumpanija ewlenija hija kapaċi tipproduċi ET finalizzati, inklużi l-proċessi li l-kumpanija tiddikjara li twettaq fil-Laos. Għalhekk jidher li ma hemmx raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika biex isir il-proċess ta' tlestija fil-Laos, għajr l-evitar tal-miżuri fis-seħħ.

(60) L-importatur mhux relatat fl-Unjoni enfasizza l-impatt sinifikanti tat-tisnin u tal-ittemprar fuq il-kwalità u l-użu tal-oġġetti, u jsostni li dawn iż-żewġ passi jirriżultaw f'konsum għoli ta' enerġija u ta' xogħol, li huma r-raġunijiet ewlenin għall-proċess ta' tlestija fil-Laos fejn l-ispejjeż tal-elettriku u tax-xogħol huma aktar baxxi milli fiċ-Ċina. Fir-rigward tar-raġuni ekonomika wara d-deċiżjoni li l-proċess ta' tlestija jiġi trasferit fil-Laos, il-Kummissjoni tinnota li dan mhuwiex rekwiżit biex l-operazzjonijiet ta' tlestija jikkostitwixxu ċirkomvenzjoni skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(61) Fuq il-bażi ta' dan t'hawn fuq, il-Kummissjoni sabet li l-kumpanija kienet involuta f'operazzjonijiet ta' tlestija li jikkostitwixxu ċirkomvenzjoni tal-miżuri fis-seħħ skont it-tifsira tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku. Peress li l-esportazzjonijiet ta' din il-kumpanija jkopru l-importazzjonijiet totali mil-Laos lejn l-Unjoni fil-PR, din il-konklużjoni testendi għall-pajjiż kollu.

(62) Wara d-divulgazzjoni, importatur mhux relatat fl-Unjoni ssottometta li l-Kummissjoni naqset milli ġġib provi dwar l-eżistenza ta' operazzjonijiet ta' assemblaġġ/tlestija bħala prattika ta' ċirkomvenzjoni skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku, iżda ma pprovdiet l-ebda evidenza biex tappoġġa din id-dikjarazzjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ċaħdet din id-dikjarazzjoni billi, fuq il-bażi tal-fatti disponibbli għaliha u kif spjegat fil-premessi (48) sa (61), il-kundizzjonijiet kollha tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku huma ssodisfati.

(63) Barra minn hekk, fil-kuntest tal-investigazzjoni msemmija fil-premessa (35), id-dwana Ġermaniża kkonkludiet, wara spezzjoni fuq il-post flimkien mal-awtoritajiet tal-Laos, li minn Jannar 2018 sa April 2019 l-ET allegatament manifatturati fil-Laos kellhom oriġini Ċiniża għall-finijiet li jiġi stabbilit id-dazju antidumping.

2.5.3. *It-Tajlandja*

(64) Skont l-informazzjoni miġbura matul l-aħħar rieżami ta' skadenza, b'mod partikolari dik provduta mill-industrija tal-Unjoni u li ma ġietx ikkontestata minn kwalunkwe parti interessata fil-qafas ta' dik l-investigazzjoni, ma hemm l-ebda faċilità li tipproduċi l-ET barra ċ-Ċina u l-Unjoni. Fir-rigward tat-Tajlandja, dan ġie kkonfermat fil-qafas ta' din l-investigazzjoni. Tabilħaqq, il-Missjoni tat-Tajlandja fi Brussell issottomettiet li l-gvern tagħha ma għandux fabbriki ta' ET elenkati fir-reġistri tiegħu kif deskritt fil-premessa (27).

(65) L-estrazzjonijiet tal-GTA juru li fl-2018 u l-2019, 95 % tal-esportazzjonijiet Tajlandiżi madwar id-dinja kienu għall-UE. Il-volumi u d-destinazzjonijiet finali jaqblu mal-istatistika dwar l-importazzjonijiet 14(6), bl-Italja bħala d-destinazzjoni ewlenija. L-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn it-Tajlandja fl-istess snin juru volumi komparabbli.

(66) Iż-żieda qawwija ta' esportazzjonijiet Tajlandiżi lejn l-Unjoni mill-2013 u t-tnaqqis tal-esportazzjonijiet miċ-Ċina lejn l-Unjoni jeħtieġ li jiġu vvalutati fid-dawl tal-evidenza miġbura u msemmija fil-premessi (64) u (65). Dawn l-elementi kollha jwasslu għall-konklużjoni dwar il-prattika ta' trasbord li għaliha ma hemm l-ebda raġuni ekonomika, iżda l-iskop li jiġu evitati l-miżuri fis-seħħ. Tabilħaqq, in-nuqqas ta' produzzjoni ġenwina fit-Tajlandja kif ikkonfermat mill-Missjoni tat-Tajlandja, u l-fokus kważi esklużiv tal-esportazzjonijiet fuq l-UE jwasslu għall-konklużjoni li l-kwantitajiet kollha esportati mit-Tajlandja lejn l-Unjoni ma jikkostitwixxux produzzjoni ġenwina iżda jiġu trażbordati miċ-Ċina.

(67) Barra minn hekk, azzjonijiet investigattivi mwettqa mill-Kummissjoni Ewropea f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet doganali tal-Ġermanja, l-Italja u Spanja bejn l-2016 u l-2019, stabbilixxew li l-ET Ċiniżi kienu trasbordati via t-Tajlandja fit-territorju tal-UE matul dak il-perjodu. F'dak il-kuntest, il-proċeduri ta' rkupru ta' dazji antidumping kienu diġà nbdew.

2.6. **L-imminar tal-effett rimedjali tad-dazju anti-dumping**

(68) Fil-valutazzjoni dwar jekk il-prodotti importati mill-Indja, il-Laos u t-Tajlandja kinux, f'termini ta' prezzijiet u/jew kwantitajiet, imminaw l-effetti ta' rimedju tal-miżuri eżistenti, intużaw il-prezzijiet tal-esportazzjoni u l-volumi rrappurtati fil-bażi tad-dejta 14(6). Il-Kummissjoni qabblet il-prezz mhux dannuż medju kif stabbilit fl-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza tal-2019, mal-prezzijiet medji ponderati tal-esportazzjoni CIF, aġġustati kif xieraq biex jinkludu dazji doganali konvenzjonali u kostijiet ta' wara l-ikklerjar.

2.6.1. *L-Indja*

(69) Billi l-prezz tal-bejgħ ta' unità ta' importazzjonijiet Indjani stabbilit kif deskritt fil-premessa (68) matul il-PR kien ogħla b'mod sinifikanti mill-prezz medju mhux dannuż imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prezzijiet tal-esportazzjoni Indjani ma kinux ta' dannu.

(70) L-investigazzjoni stabbiliet li l-kwantitajiet esportati mill-Indja lejn l-Unjoni ammontaw għal inqas minn 2 % tas-sehem totali ta' importazzjonijiet ta' ET fl-Unjoni, u rrappreżentaw 1,5 % tal-konsum tal-Unjoni kif stmat fl-aħħar rieżami ta' skadenza. Madankollu, kif spjegat fil-premessi (42) u (46) sa (47), il-Kummissjoni ma setgħetx tasal għal konklużjoni dwar il-bidla fix-xejra tal-kummerċ jew dwar jekk dawn il-kwantitajiet jikkostitwixxux trażbord jew esportazzjonijiet Indjani ġenwini.

(71) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonkludi li l-miżuri eżistenti qed jiġu mminati mill-importazzjonijiet mill-Indja soġġetti għal din l-investigazzjoni.

2.6.2. *Il-Laos*

(72) Kif spjegat fil-premessa (21) meta titqabbel l-informazzjoni ppreżentata mill-kumpanija mil-Laos fit-talba għal eżenzjoni mal-informazzjoni rrapportata fil-bażi tad-*data* 14(6), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet tal-ET tal-kumpanija mil-Laos koprew l-importazzjonijiet kollha minn Laos lejn l-Unjoni fil-PR.

(73) It-tqabbil tal-prezzijiet, kif deskritt fil-premessa (68), wera bejgħ taħt il-prezz għal-Laos.

(74) L-investigazzjoni stabbiliet li l-kwantitajiet esportati u li nstabu li kienu qed jevadu l-miżuri eżistenti huma sinifikanti, u jissodisfaw aktar minn 6 % tal-konsum tal-Unjoni.

(75) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri eżistenti qed jiġu mminati, f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwantitajiet u prezzijiet, mill-importazzjonijiet mil-Laos li huma suġġetti għal din l-investigazzjoni.

(76) Wara d-divulgazzjoni, importatur mhux relatat fl-Unjoni qal li ma jarax kif l-effetti rimedjali tad-dazju huma mminati fis-sens tal-Artikolu 13(2)(c) tar-Regolament bażiku billi l-importazzjonijiet mil-Laos naqsu matul is-snin. Madankollu, il-fatt li l-importazzjonijiet naqsu, kif ukoll ir-raġunijiet wara l-fluttwazzjonijiet, spjegati fil-premessi (34) u (35), ma għandhomx impatt fuq is-sejbiet tal-Kummissjoni. Kif spjegat fil-premessi (48) sa (63) u f'din it-taqsima, l-operazzjonijiet ta' tlestija mwettqa mill-kumpanija jikkostitwixxu ċirkomvenzjoni, u dawn l-esportazzjonijiet ta' ċirkomvenzjoni minn din il-kumpanija lejn l-UE fil-PR kienu jammontaw għal aktar minn 6 % tal-konsum tal-Unjoni u saru bi prezzijiet dannużi. Il-Kummissjoni għalhekk ma laqgħetx din l-affermazzjoni.

2.6.3. *It-Tajlandja*

(77) It-tqabbil tal-prezzijiet, kif deskritt fil-premessa (68), wera bejgħ taħt il-prezz għat-Tajlandja.

(78) L-investigazzjoni stabbiliet li l-kwantitajiet esportati u li nstabu li kienu qed jevadu l-miżuri eżistenti huma sinifikanti, u jirrappreżentaw 12 % tas-sehem mis-suq tal-Unjoni.

(79) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri eżistenti qed jiġu mminati, f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwantitajiet u prezzijiet, mill-importazzjonijiet mit-Tajlandja li huma suġġetti għal din l-investigazzjoni.

2.7. **Evidenza ta' dumping**

(80) Skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk kienx hemm evidenza ta' dumping fir-rigward tal-valur normali stabbilit fl-aħħar reviżjoni ta' skadenza għall-prodott simili.

2.7.1. *L-Indja*

(81) Biex jiġi stabbilit il-valur normali, il-Kummissjoni ddeċidiet li tuża d-data mill-aħħar investigazzjoni li wasslet għall-miżuri fis-seħħ bħalissa, jiġifieri l-valur normali ex works skont it-tip ta' prodott stabbilit fit-taqsima 3.3.4.5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1267.

(82) Sabiex jiġu stabbiliti l-prezzijiet tal-esportazzjoni mill-Indja, il-Kummissjoni użat il-prezz medju tal-esportazzjoni ta' ET matul il-PR irrappurtat fil-bażi tad-*data* 14(6). Skont l-Artikoli 2(11) u 2(12) tar-Regolament bażiku, il-medja ponderata tal-valur normali, kif stabbilita fl-aħħar rieżami ta' skadenza kienet imqabbla mal-prezzijiet medji tal-esportazzjoni ponderati matul il-PR tal-investigazzjoni, kif irrappurtati fil-bażi tad-*data* 14(6) ([7]).

(83) Il-prezzijiet medji tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni fil-PR kienu ferm ogħla mill-valur normali kif stabbilit fl-aħħar rieżami ta' skadenza.

(84) Wara l-analiżi ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li għall-Indja ma hemm l-ebda evidenza ta' dumping.

2.7.2. *Il-Laos*

(85) Il-Kummissjoni użat l-istess metodoloġija fir-rigward tal-valur normali stabbilit fuq il-bażi tal-aħħar investigazzjoni u l-bażi tad-*data* 14(6) biex tistabbilixxi l-prezzijiet tal-esportazzjoni mil-Laos.

(86) Il-prezzijiet medji tal-esportazzjoni ta' ET esportati mil-Laos lejn l-UE fil-PR kif irrappurtat fil-bażi tad-*data*14(6) u kkorroborati mill-kumpanija fil-Laos, kienu inqas mill-valur normali kif stabbilit fl-aħħar reviżjoni ta' skadenza, li wera l-eżistenza ta' dumping.

2.7.3. *It-Tajlandja*

(87) Il-Kummissjoni użat l-istess metodoloġija fir-rigward tal-valur normali stabbilit fuq il-bażi tal-aħħar investigazzjoni u l-bażi tad-*data* 14(6) biex tistabbilixxi l-prezzijiet tal-esportazzjoni mit-Tajlandja.

(88) Il-prezzijiet medji tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni fil-PR kif irrapportati fil-bażi tad-*data* 14(6) kienu ferm inqas mill-valur normali kif stabbilit fl-aħħar rieżami ta' skadenza, li wera l-eżistenza ta' dumping sostanzjali.

([7]) Fit-tqabbil li sar fil-qafas ta' din l-investigazzjoni, l-aġġustament mil-livell ta' CIF kif mogħti fil-bażi tad-*data* 14(6) għal-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika ma kienx sar. Minħabba l-prezz għoli ta' ET, l-aġġustament ikun insinifikanti (fl-aħħar reviżjoni ta' skadenza stabbilita fil-medda ta' EUR 0 sa 1 għal kull kg għall-importazzjonijiet miċ-Ċina) u ma jkollu l-ebda influwenza materjali fuq il-paraguni mwettqa biex tintlaħaq konklużjoni dwar l-evidenza ta' dumping.

3. **MIŻURI**

(89) Fuq il-bażi ta' dawn is-sejbiet, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-dazju anti-dumping impost fuq l-importazzjonijiet tal-ET li joriġinaw fiċ-Ċina qed jiġu evitati permezz tal-Laos u t-Tajlandja.

(90) Għalhekk, skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-miżuri anti-dumping fis-seħħ għandhom jiġu estiżi għall-importazzjonijiet tal-istess prodott ikkunsinnat mil-Laos u mit-Tajlandja, sew jekk hu ddikjarat li joriġina fil-Laos u fit-Tajlandja u sew jekk le.

(91) Il-miżuri li għandhom jiġu estiżi għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1267, għall-"kumpaniji l-oħra kollha", jiġifieri dazju antidumping definittiv ta' 63,5 % applikabbli għall-prezz CIF nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju.

(92) Skont l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku, li jistipulaw li kull miżura estiża għandha tapplika għall-importazzjonijiet li daħlu fl-Unjoni skont ir-reġistrazzjoni imposta mir-Regolament tal-bidu, għandhom jinġabru d-dazji fuq dawk l-importazzjonijiet irreġistrati ta' ET ikkunsinnati mil-Laos u mit-Tajlandja.

4. **IT-TERMINAZZJONI TAL-INVESTIGAZZJONI KONTRA L-INDJA**

(93) Fid-dawl tas-sejbiet fir-rigward tal-Indja, l-investigazzjoni dwar l-evażjoni possibbli tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ minn importazzjonijiet ta' ET konsenjati mill-Indja għandha tintemm u r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet ta' ET konsenjati mill-Indja introdotta mir-Regolament tal-bidu għandha titwaqqaf.

(94) Il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku għall-eżistenza ta' evażjoni ma ġewx sodisfatti u l-miżuri fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet tal-prodott konċernat li joriġinaw fiċ-Ċina ma għandhomx jiġu estiżi għall-importazzjonijiet tal-istess prodott mibgħut permezz tal-Indja, kemm jekk iddikjarat li joriġina mill-Indja jew le.

5. **TALBA GĦALL-EŻENZJONI**

(95) Il-kumpanija mil-Laos li talbet eżenzjoni mill-miżuri estiżi possibbli skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku ppreżentat il-formola għal talba ta' eżenzjoni.

(96) Kif deskritt fil-premessi minn (21) sa (24), il-kumpanija ma pprovdietx l-informazzjoni meħtieġa fit-talba tagħha għal eżenzjoni u għalhekk il-Kummissjoni injorat l-informazzjoni sottomessa. Fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, instab li l-kumpanija kienet involuta fi prattiki ta' ċirkomvenzjoni. Għalhekk, ma tistax tingħata eżenzjoni lil din il-kumpanija skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku.

(97) Kif stabbilit fil-premessa (23), il-Kummissjoni ddeċidiet li ma twettaqx żjarat ta' verifika fil-bini tal-kumpanija li talbet eżenzjoni.

(98) Il-Kummissjoni tista', skont l-Avviż dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 dwar investigazzjonijiet antidumping u antisussidji, hekk kif iż-żoni fejn jinsabu l-produtturi esportaturi investigati jibdew jitqiesu siguri għall-ivvjaġġar, tibda rieżami ex-officio skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku.

6. **DIVULGAZZJONI**

(99) Fil-25 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni għarrfet lill-partijiet kollha interessati bil-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali li wasslu għall-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq, u ġew mistiedna biex jikkummentaw. Il-kummenti waslu mingħand importatur mhux relatat fl-Unjoni, mill-kumpanija fil-Laos u mill-Missjoni tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Laos lejn l-Unjoni. Il-kummenti orali u bil-miktub mibgħuta mill-partijiet ġew ikkunsidrati fejn xieraq.

(100) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Id-dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1267 fuq l-importazzjonijiet tal-elettrodi tat-tungstenu li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina huwa b'dan estiż għall-importazzjonijiet tal-elettrodi tat-tungstenu għall-iwweldjar, inklużi vireg tat-tungstenu u vireg għall-elettrodi tal-iwweldjar, li fihom 94 % jew aktar tal-piż tat-tungstenu, minbarra dawk miksuba sempliċiment bis-sinterizzazzjoni, kemm jekk maqtugħin kif ukoll jekk le, ikkonsenjati mil-Laos u mit-Tajlandja kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mil-Laos u mit-Tajlandja kif ukoll jekk le, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 8101 99 10 u ex 8515 90 80 (kodiċijiet TARIC 8101 99 10 11, 8101 99 10 12 u 8515 90 80 11 u 8515 90 80 12).

2. Id-dazju estiż permezz tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jinġabar għall-importazzjonijiet ikkunsinjati mil-Laos u t-Tajlandja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mil-Laos u t-Tajlandja kif ukoll jekk le, irreġistrati skont l-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2171 u l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

3. L-ammont ta' dazji anti-dumping li għandu jinġabar b'mod retroattiv għandu jkun dak li jirriżulta mill-applikazzjoni tad-dazju anti-dumping ta' 63,5 % applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali

Artikolu 2

L-investigazzjoni mibdija bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2171 dwar ċirkomvenzjoni possibbli ta' miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1267 fuq importazzjonijiet ta' elettrodi tat-tungstenu għall-welding li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina b'importazzjonijiet ikkonsenjati mill-Indja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Indja kif ukoll jekk le, u li jagħmel tali importazzjonijiet suġġetti għar-reġistrazzjoni hija terminata.

Artikolu 3

L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati li ma jkomplux ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet, stabbilita skont l-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2171.

Artikolu 4

1. It-talbiet għall-eżenzjoni mid-dazju estiżi permezz tal-Artikolu 1, għandhom isiru bil-miktub f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jridu jkunu ffirmati minn persuna awtorizzata li tirrappreżenta lill-entità li qed titlob l-eżenzjoni. It-talba trid tintbagħat fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate H Office:
CHAR 04/39
1049 Brussels
Belgium

2. F'konformità mal-Artikolu 13(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036, il-Kummissjoni tista' tawtorizza, b'deċiżjoni, l-eżenzjoni ta' importazzjonijiet minn kumpaniji li ma jevadux il-miżuri antidumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1267, mid-dazju estiż permezz tal-Artikolu 1.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Settembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN